

## **Mistoqsija għal tweġiba orali O-00001/2018/rev.1**

### **lill-Kunsill**

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

**Enrique Guerrero Salom**

f'isem il-Grupp S&D

Suġġett: Integrazzjoni fl-iskola ta' tfal rifuġjati u li jfittxu ažił

B'kollox, hemm mill-inqas 1,5 miljun tifel u tifla li għandhom bżonn protezzjoni internazzjonali fl-UE u fit-Turkija. Il-biċċa l-kbira ta' dawn it-tfal diġà tilfu, fuq medja, sentejn u nofs ta' edukazzjoni f'pajjiżhom minħabba l-kunlitti drammatiċi u l-vjolenza. Barra minn hekk, proċeduri burokratiċi u dewmien fil-valutazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom għall-ažił jistgħu jfissru li t-tfal jitilfu tliet snin jew aktar ta' edukazzjoni, u b'hekk jheddu b'mod inekwivoku l-integrazzjoni u l-opportunitajiet futuri tagħhom u jesponuhom għar-riskju ta' marġinalizzazzjoni u radikalizzazzjoni.

It-theddida ta' ħafna dewmien fl-aċċess għall-edukazzjoni wasslet lill-Parlament biex jitlob – fit-trilogu attwali dwar ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza – li l-aċċess għas-sistema edukattiva ma jiġix pospost għal aktar minn xahar mill-mument meta ssir l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

L-edukazzjoni hija dritt tal-bniedem u hija garantita minn diversi konvenzjonijiet internazzjonali. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni tar-Rifuġjati (l-Artikolu 22) tiggarantixxi aċċess ugwali għall-edukazzjoni elementari u tiżgura mill-inqas trattament ugwali maċ-ċittadini barranin għall-forom oħra ta' edukazzjoni. Id-dritt tal-UE jmur lil hinn minn dawn l-istandards, u fid-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet ta' Akkoljenza (l-Artikolu 14) huwa ddikjarat li, anke qabel ir-rikonoxximent, it-tfal li jfittxu ažił, għandu jkollhom aċċess għall-edukazzjoni b'kondizzjonijiet simili bħall-istudenti nazzjonali fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom. Madankollu, fl-Istati Membri tal-UE, l-aċċess għas-sistemi edukattivi jibqa' ristrett. Tfal rifuġjati jriskjaw li jqattgħu x-xhur f'waħda miż-żoni ta' tranżitu tal-Ungerija, fejn ma hemm l-ebda aċċess għal kwalunkwe tip ta' edukazzjoni sistematika fil-prattika. Dawk li jaslu l-Greċja possibbilment ser jibqgħu barra mill-edukazzjoni formali f'waħda mill-gżejjer Griegi għal diversi xhur. Anke meta jkunu finalment stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE u jkunu jistgħu jibdedw jattendu l-edukazzjoni formali, dawn rari jirċievu biżżejjed appoġġ li permezz tiegħu jkunu jistgħu jattendu klassijiet regolari u jirnexxu fihom.

Peress li studji u evidenzi riċenti juru li r-rekwiżit legali ta' aċċess għall-edukazzjoni attwalment mhux infurzat biżżejjed, il-Kunsill x'inhu jagħmel biex jiżgura li l-obbligu legali attwali ta' tliet xhur jiġi implimentat fil-prattika? Meta wieħed iqis il-ħeffa li biha l-Istati Membri differenti jintegraw lit-tfal li jfittxu ažił fl-iskejjel, il-Kunsill x'azzjoni qiegħed jipprevedi li jieħu sabiex jarmonizza s-sitwazzjoni u jiżgura li t-tfal li jfittxu ažił fl-Istati Membri kollha tal-UE immedjatament jirċievu edukazzjoni u appoġġ lingwistiku u, tliet xhur wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-ažił tagħhom, jiġu rreġistrati fi skola skont il-liġi attwali tal-UE dwar l-ažił? Rigward l-obbligi u r-responsabbiltajiet li jirriżultaw mill-Faċilità tal-UE għar-Rifuġjati fit-Turkija, il-Kunsill x'inhu jagħmel biex jimmonitorja u jiżgura l-għoti ta' aċċess ugwali għall-edukazzjoni obligatorja għal dawk li jfittxu ažił u r-rifuġjati fit-Turkija?

Imressqa: 12.1.2018

Mgħoddija: 15.1.2018

L-iskadenza għat-tweġiba: 5.2.2018